CONGRESS OF LOCAL AND REGIONAL AUTHORITIES OF THE **COUNCIL OF EUROPE**
Avenue de l'Europe – F 67075 Strasbourg Cedex / Tel.: +33 (0)3 88 41 21 10 / Fax: +33 (0)3 88 41 37 47
**www.coe.int/congress-pact – congress.oneinfive@coe.int**

Huwa stmat li tifel wieħed minn kull ħamsa fl-Ewropa ikun vittma ta' xi forma ta' vjolenza sesswali bħal inċest, pornografija, prostituzzjoni, traffikar tal-bnedmin, korruzzjoni, solleċitazzjoni permezz tal-Internet, sfruttament sesswali jew abbuż sesswali. Minħabba l-kobor tal-problema, fl-2010 il-Kunsill tal-Ewropa nieda l-kampanja WIEĦED MINN KULL ĦAMSA biex iqajjem il-kuxjenza ta' kulħadd - it-tfal, il-ġenituri u dawk li jiġu f'kuntatt mat-tfal - u biex jippromwovi r-ratifika u l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Protezzjoni tat-Tfal kontra l-Isfruttament Sesswali u l-Abbuż Sesswali - magħrufa wkoll bħala l-Konvenzjoni ta' Lanzarote - mis-47 stati membri tal-Kunsill tal-Ewropa u lil hinn minnhom.

L-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom responsabbiltà ewlenija, flimkien mal-gvernijiet nazzjonali, biex jipproteġu u jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem taċ-ċittadini, li jinkludu l-ħarsien u l-promozzjoni tas-sikurezza u l-benesseri tat-tfal u ż-żgħażagħ li jgħixu fl-inħawi tagħhom. Is-servizzi li huma meħtieġa biex jgħinu lill-vittmi tal-vjolenza sesswali u l-abbuż huma pprovduti l-aktar fuq livell lokali. Dan huwa wkoll il-livell fejn jistgħu jkunu aktar effettivi miżuri preventivi u ta' sensibilizzazzjoni. L-awtoritajiet lokali u reġjonali għalhekk huma fuq quddiem nett fil-ġlieda kontra l-vjolenza sesswali fuq it-tfal u għandhom jiżviluppaw u jimplimentaw pjanijiet ta' azzjoni u strateġiji biex jittrattaw u jipprevjenu każijiet għall-ġejjieni.

Il-Kungress tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali tal-Kunsill tal-Ewropa fassal dan il-Patt tal-Bliet u r-Reġjuni biex tieqaf il-Vjolenza Sesswali kontra t-Tfal biex jiggwida lill-awtoritajiet fil-ġlieda tagħhom kontra l-isfruttament sesswali u l-abbuż. Huwa jipprovdi lista ta' inizjattivi u politika prattiċi li għandhom jiġu implimentati fuq livelli lokali u reġjonali bil-għan li jiġu żviluppati s-servizzi favur it-tfal, li jipproteġu lit-tfal u li jgħinu biex tiġi evitata l-vjolenza sesswali fil-komunità.

PREMS 014415

MLT

Imwaqqaf bħala organizzazzjoni internazzjonali fl-1949, il-Kunsill tal-Ewropa jaħdem biex jippromwovi d-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem fil-kontinent kollu. Jiżviluppa wkoll tweġibiet komuni għall-isfidi soċjali, kulturali u legali fis-47 stati membri fi ħdanu. Il-Kungress tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali tal-Kunsill tal-Ewropa jirrappreżenta l-awtoritajiet lokali u reġjonali u jippromwovi d-demokrazija fuq livell lokali. Dan għandu żewġt ikmamar, il-Kamra tal-Awtoritajiet Lokali u l-Kamra tar-Reġjuni, u jġib flimkien 636 uffiċjali eletti li jirrappreżentaw aktar minn 200,000 awtoritajiet lokali u reġjonali.

The Congress
Le Congrès
COUNCIL OF EUROPE
CONSEIL DE L'EUROPE

# BLIET U REĠJUNI:
# PATT BIEX TIEQAF IL-VJOLENZA SESSWALI KONTRA T-TFAL

one in five
un sur cinq

Kontribuzzjoni tal-Kungress
lill-Kunsill tal-Ewropa
Kampanja **WIEĦED MINN KULL ĦAMSA**

## Toolkit Tal-Kampanja

The Congress
Le Congrès
COUNCIL OF EUROPE
CONSEIL DE L'EUROPE